MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 52

27 ta' Ġunju 2023

Minuti tas-seduta Nru. 52 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 51 tad-29 ta' Mejju 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-munuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' imejl datat 13 ta' Ġunju 2023, il-Mellieħa Sports Club offrew l-akkomodazzjoni fil-hostel tagħhom bil-prezz skontat ta' €10 kull persuna kull lejl. Fid-dawl ta' dan, huwa ppropona li l-kolazzjon jingħata mill-bottegin fis-sede tal-istess klabb. Minkejja dan huwa għarraf li qed jintalbu kwotazzjonijiet minn stabbilimenti fil-qrib.

2.1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet illi ġie kkonfermat li l-grupp li ser iżur il-Mellieħa ħa jkun magħmul minn ħmistax-il tifel, u żewġ adulti, filwaqt li n-numru ta' kunsillieri għadu mhux magħruf, għalkemm ġew mgħarfa li n-numru m'għandux jaqbeż għoxrin persuna b'kollox, minħabba t-trasport. Hija qalet l-ispiża hija stmata li tlaħħaq €7,000.

2.1.4. Fir-rigward taż-żjara li ser issir mit-tfal tal-Mellieħa Sports Club, il-Comune ta' Cavriglia staqsew dwar jekk l-uffiċjali tal-Kunsill jixtiequx li jikru vettura peress li ser ikunu alloġġjati f'post differenti mill-grupp tal-Mellieħa Football School.

2.1.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhiex tinkera karozza, sakemm l-arranġamenti loġistiċi li saru mill-Comune di Cavriglia ma jirrikjedux mod ieħor.

**2.2.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; Triq l-Iżbark tal-Franċiżi; u Triq Ta' Fuq il-Migduma** **(P/5/8/Z)**

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.3.1 tas-seduta preċedenti dwar l-Appell Nru. 40/2022, li sar mill-Kunsill rigward id-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Huwa aċċenna wkoll għal-laqgħa li saret bejn il-Kunsill u l-iżviluppatur u l-perit tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2023, fejn qamet diskussjoni dwar it-twaqqiegħ tas-sulari żejda li nbnew fuq il-premessa tal-lukanda. Il-perit tal-iżviluppatur wieġeb li dan il-fattur huwa rrelevanti f'dak li jirrikwarda l-aspett tal-lukanda, għar raġuni li ġie applikat il-prinċipju tal-*Floor -Area-Ratio*, hekk li ġie permess għoli eżistenti, filwaqt li tħalla aktar spazju mhux mibni bħala bitħa f'nofs il-blokka.

2.2.3. Fl-istess laqgħa, il-Kunsillier E. Bartolo kien arġumenta li din is-sitwazzjoni tista' tagħti lok għal talbiet simili fil-futur fuq premessa tal-*Floor-Area-Ratio*, irrispettivament jekk l-iżvilupp ikunx lukanda jew le.

2.2.4. Il-Kunsill innota wkoll li fil-laqgħa msemmija l-iżviluppatur għarraf li kienet se ssir applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-bdil fl-użu minn lukanda għal oħrajn li huma eliġibbli taħt il-Pjan Lokali u l-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar tal-Iżvilupp (L.S. 552.15).

2.2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li intant il-perit tal-iżviluppatur talab għall-kunsens tal-Kunsill sabiex tiġi rilaxxjata l-garanzija li ssir af favur l-Awtorità tal-Ippjanar bil-għan li jiġi żgurat li ma ssirx ħsara fit-toroq u l-bankini li jdawwru l-blokka in kwistjoni. Saret referenza għall-arranġamenti tat-traffiku approvati minn Transport Malta, li mplimenta l-iżviluppatur, li jinkludi wkoll spazju intiż biex jipparkjaw il-*coaches* billi parti mill-binja koperta bil-permess PA 5909/17 kellha tinkludi lukanda.

2.2.6. Il-Kunsill qabel li dan l-ispażju għandu jiġi mibdul sabiex isiru spazji għal vetturi kollha, permezz ta' linji bojod, qabel jingħata l-kunsens għar-rilaxx tal-garanzija.

**2.3.1. PA 1948/20 – Żvilupp mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel** **(P/5/8/G)**

2.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal-laqgħa li saret fid-9 ta' Ġunju 2023 mal-iżviluppatur u l-periti nkarigati minnhom. Mal-istess korrispondenza kien hemm il-minuti ta' l-istess laqgħa li ġew mgħoddija lilu fil-ġurnata ta' qabel.

2.3.3. *Prima facie* l-Kunsill kien tal-fehma li l-minuti jirriflettu dak li ġie diskuss, iżda l-kunsillieri ngħataw sat-30 ta' Ġunju 2023 sabiex jarawhom u jgħaddu l-kummenti tagħhom qabel issir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

**2.4.1. PA 8445/21 - *Lift* panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur** **(F/1/7/Vol V)(P/8/4)**.

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 5.5.1. fil-minuti tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li minkejja diversi attentati sabiex jiġi kkuntattjat il-perit inkarigat, kemm verbalment, kif ukoll b'mezzi elettroniċi, ma kien hemm ebda rispons minn naħa tiegħu, u għaldaqstant skada l-perjodu li matulu seta jsir l-appell.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard** **(T/4/7/Vol III)**

2.5.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 3.1.1. fil-minuti tas-seduta ta' qabel u għarraf li fil-31 ta' Mejju 2023 saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Karl Cilia u l-*Operations Manager* Stefan Riolo dwar is-suġġett t'hawn fuq. Għan-naħa tal-Kunsill,

flimkien miegħu attendew il-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. L-uffiċjali msemmija qalu li kienu ser jibdew kuntatti ma' Infrastructure Malta bil-għan li l-entitajiet konċernati jwettqu x-xogħol li statutorjament obbligati jwettqu.

2.5.3. Il-Kunsillier M. Abela qal li xi jiem qabel it-triq in kwistjoni ngħatat wiċċ bil-konkos. Huwa staqsa dwar minn għamel dan l-intervent. Huwa qal li wieħed jittama li r-residenti m'għandhomx jitħallew b'dan it-tip ta' wiċċ.

2.5.4. Il-Kunsillier G. Micallef irrimarka li għaqda volontarja ġiet mismugħa aktar mill-Kunsill sabiex sar xi ħaġa fuq il-post. Dan minkejja li l-Kunsill ilu xhur imwiegħed li ser jinbeda x-xogħol.

2.5.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li jidher illi l-Mellieħa Scout Group għamlu talba lill-Ministeru tat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, li minn naħa tagħhom inkarigaw lid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni sabiex isir wiċċ temporanju. Huwa fakkar ukoll li anke l-Kunsill kien intervjena sabiex jitjieb l-aċċess, billi tneħħiet kantuniera li kienet qed tagħmilha diffiċli li vetturi ta' ċertu daqs iduru minn Triq it-Tabib Joseph Grech Attard lejn il-kwartieri tal-iScouts.

2.5.6. Is-Sindku D. Vella qal li fil-kuntatti li kien hemm bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta, qatt ma ntqal li għandu jsir xi wiċċ temporanju, iżda sabiex issir triq skont l-arti u sengħa, anke f'dak li jirrigwarda s-servizzi.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Arranġamenti tat-traffiku qrib iċ-*Ċentru għal Kura tat-Tfal* fi Triq Edward Camilleri (T/3/2/Vol XVI)

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għall-intenzjoni tal-Kunsill sabiex issir *pedestrian crossing* fil-post imsemmi, kif ukoll għall-approvazzjoni li ngħatat minn Transport Malta biex din issir. Huwa staqsa jekk f'dan l-istadju hemmx il-ħtieġa li l-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu li din id-deċiżjoni titwettaq fuq il-post.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ikkonferma li t-talba oriġinali tal-Kunsill ġiet ikkonsidrata mill-ġdid u approvata minn Transport Malta skont ittra datata 8 ta' Ġunju 2023. Huwa spjega li f'dan l-istadju l-kuntrattur tal-Kunsill konċernat intalab sabiex jibda l-proċeduri sabiex jinħareġ il-permess ta' Transport Malta rigward it-tqattiegħ tal-wiċċ tat-tarmak sabiex isiru l-*buildouts* fil-bankini u għall-installazzjoni tal-elettriku.

### 3.2.1. Żviluppi dwar il-parkeġġ ippjanat taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

3.2.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-minuta 9.4. tas-seduta preċedenti fejn il-Viċi Sindu J. Buttigieg aċċenna għall-postijiet fil-lokalità fejn it-tfal jistgħu jiġi rijallokati sakemm isir ix-xogħol fuq l-estensjoni tal-iskola. Is-Sur J. Gauci qal li għandha tiġi kkunsidrata l-lukanda ta' Selmun.

3.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-binja ilha numru ta' snin ma tintużax u għalhekk jista' ikun hemm nuqqasijiet f'dik li hija u saħħa u sigurtà.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Xiri Meħtieġ – 23/06/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/05/23 – 23/06/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Sistemi ta' CCTV's sorveljati mill-LESA (C/9)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekettiv C. Debono rrefera għal imejl datat 14 ta' Ġunju 2023, mibgħut mill-LESA, fejn ingħad li l-Aġenzija qed tiddiskuti mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli dwar Kunsilli Lokali li jħaddmu diversi sistemi ta' CCTV's għal finijiet ta' infurzar ta' regolamenti tat-traffiku u ambjent, fil-lokalitajiet tagħhom, li huma proprjetà assoluta tal-Kunsilli Lokali. Fil-preżent, dawn il-kameras jinżammu operabbli mill-Kunsill lokali, filwaqt li l-Aġenzja tħares il-filmati u tieħu ħsieb il-proċess ta' infurzar fejn ikun hemm bżonn. Attwalment, il-Kunsill jieħu 10% bħala ħlas amministrattiv meta kontravenzjoni titħallas fil-Kunsill rispettiv.

5.1.3. L-Aġenzija ħasset li apparti is-servizz ta' monitoraġġ u infurzar permezz ta' dawn il-cameras u l-10% ħlas amministrattiv, tista toffri għajnuna finanzjarja addizjonali, biex ikomplu jitnaqqsu l-ispejjeż tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, sar ftehim mal-AKL li jkopri mill-1 ta' Jannar 2022 sa l-aħħar ta' Diċembru 2024, u li jista' jiġi mġedded. Permezz ta' dan l-ftehim, l-Aġenzija qed tikkometti' ħlas addizjonali ta' 10% versu l-Kunsill lokali, għall kull ċitazzjoni li titħallas u li tkun maħruġa minn fuq camera proprjetà fl-intier tagħha tal-Kunsill. Ingħad ukoll li fil-preżent qed isiru l-aġġustament fuq il-pjattaforma LES.gov.mt, sabiex ikunu jistgħu jinħargu r-rapporti relevanti. Matul il-ġimgħat li ġejjin, kunsilli li diġa għandhom kameras proprjetà tagħhom imqabbdin mal-Aġenzija għal finijiet ta' infurzar, ser jiġu avviċinati sabiex jibda l-proċess ta' verifikazzjoni u effettivament, isir il-ħlas relevanti.

5.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-LESA ser tkun qed tissussidja s-servizzi tagħha fir-rigward ta' attendenza mill-uffiċjali tagħha f'attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill Lokali.

5.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Kuntratt dwar iż-Żamma ta' Parki u Ġonna (K/6/3/Vol III)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal ittra data 23 ta' Ġunju 2023 fejn l-kuntrattur li attwalment qed jirrendi s-servizzi msemmi – Bezzina Refuse Collection – qed jitlob sabiex jassenja l-kuntratt lill-kumpanija li għadha kemm titwaqqaf - Bezzina Ltd - peress li tal-ewwel qegħda fil-proċess ta' likwidazzjoni.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Artiklu 3 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt jippermetti li kuntrattur jittrasferixxi l-kuntratt tiegħu, jew parti minnu lil terzi. L-istess artiklu jipprovdi li b'tali arranġament il-kuntrattur uxxenti m'għandux jinħeles mill-obbligi tiegħu għall-parti tal-kuntratt diġà mwettqa. Il-kuntrattur il-ġdid għandu jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità applikabbli għall-għoti tal-kuntratt. Il-garanzija bankarja għandha tinbidel sabiex tkun fuq isem Bezzina Ltd.

5.2.4. Il-Kunsill approva l-assenjar tal-kuntratt skont kif iddikjarat bejn il-partijiet bl-istess kundizzjonijiet, kif ukoll bl-emenda tal-garanzija bankarja eżistenti li tkopri 4% tal-valur tal-kuntratt. Kien hemm qbil ukoll li ma jsirux pagamenti fuq l-kumpanija l-ġdida sakemm dawn ir-rekwiżiti jiġu onorati minn Bezzina Ltd.

### 5.3.1. PA 3457/23 – Tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrellel quddiem 130/131, Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/10/Vol III)

5.3.2. Kien spjegat li din l-applikazzjoni tinvolvi t-tqegħid ta' erba' imwejjed b'erba' siġġijiet kull waħda, billi titwessa' l-bankina u jiqsarju l-ewwel tliet spazji għall-ipparkjar quddiem l-istabbiliment imsemmi.

5.3.3. Il-Kunsill Lokali ra l-*policy* P5 ta' *Outdoor Catering Areas*, u osserva li l-area proposta għall-imwejjed u s-siġġijiet, minbarra li ser tmiss ma' *parking bays* eżistenti, hija wkoll maġenb *bus*

*bay* użata kontinwament mill-karozzi tal-linja. Kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar f'dan is-sens.

**5.4.1. PC 0025/20 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit** **(P/5/8/Q)**

5.4.2. Saret referenza għal-laqgħa li saret fl-14 ta' Ġunju 2023 mal-konsulenti nkarigati mill-Kunsill dwar ir-rifjut tal-appell Appell 194/21 JB, li sar mill-Kunsill sabiex jinbidel il-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar PC 0025/20 dwar it-tneħħija ta' triq skemata li tinsab bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit. Il-Kunsill ġie mgħarraf li abbażi tal-istruzzjonijiet mogħtija waqt il-laqgħa msemmija, l-avukat għamlet is-sottomissjonijiet mal-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ġunju 2023 u l-ewwel smiegħ ġie appuntat għall-11 ta' Ottubru 2023.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Skema 2 - Manutenzjoni tal-Komun fil-binjiet tal-Gvern - 2023** **(B/7)**

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Ġunju 2023 dwar l-iskema msemmija, li tipprovdi għall-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern fejn l-Awtorità tad-Djar qed tagħti l-fakultà lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jipparteċipa fl-iskema msemmija u jgħin lir-residenti tal-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu fit-twaqqif ta' għaqda tar-residenti u l-ħatra ta' amministratur tal-fiduċja tagħhom.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-blokki eliġibba huma A1-4, u B1-3 u l-massimu tal-fondi allokati għalihom taħt din l-iskema jammontaw għall-€42,000. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa mistenni li jikkomunika mar-residenti u jħeġġiġhom jaħtru amministratur. Fin-nuqqas li ma jintlaħaqx ftehim li jinħatar amministratur, il-blokka ma tkunx tista' tibbenefika minn din l-iskema. Wara l-Kunsill Lokali ser ikun mitlub jidħol fi ftehim uffiċjali mal-Awtorita' tad-Djar kif ukoll isir il-kuntratt direttament mal-amministraturi magħżula. Hekk kif dan isir, ikun jista' jitkompla l-proċess tal-iskema u jinbeda x-xogħol meħtieġ. Is-sottomissjonijiet iridu jaslu għand l-Awtorità tad-Djar sal-4 ta' Awwissu 2023.

5.5.4. Il-Kunsill qabel li r-residenti għandhom jiġu notifikati permezz ta' ittra.

**5.6.1. Tkomplija ta' Taraġ il-Landiera** **(T/4/7/Vol III)**

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Ġunju 2023, mibgħut minn Infrastructure Malta, fejn għaddew id-disinji proposti tat-taraġ li jestendi minn Triq in-Naħal għal Triq l-Etna, biswit l-art tal-MUSEUM. Dan kien fil-fatt wieħed mill-prioritajiet li kienu ġew indikati lill-Infrastructure Malta sabiex tiġi mwettqa.

5.6.3. Il-Kunsill approva d-disinji mressqa, filwaqt li ppropona l-inklużjoni ta' ġiebja sabiex jimtela d-diżlivell qawwi li jeżisti eżatt taħt Triq in-Naħal, minflok jintradam bit-terrapien.

**5.8.1. Proġett dwar l-Iżvilupp ta' Gnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel** **(P/4/27)**

5.8.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fl-14 ta' Ġunju 2023 saret laqgħa ma' diriġenti ta' Project Green, il-Perit B. Costa u Ms C. Debono Fenech, flimkien mal-Perit J. Attard u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa ġie spjegat li jeħtieġ isir tibdil fil-permess diġa maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA 1365/14 u PA 6425/19) bil-għan li l-proġett jissodisfa l-kriterji tal-*Community Green Scheme*, hekk li jiżdiedu s-*soft areas* u jitnaqqas il-pavimentar u wċuħ bil-konkos.

5.8.3. Is-seduta ġiet sospiża sabiex sar intervent mil-Perit J. Attard ħalli jippreżenta u jispjega d-disinji riveduti skont ir-rekwiżiti tal-iskema, li essenzjalment jirrendu l-proġett inqas formali, li jinkludi latrina pubblika u kenn mill-elementi u jkun jista' jintuża għal skop edukattiv.

5.8.4. Il-Kunsill approva l-kunċetti wara d-diżinji sottomessi, li għandhom ukoll jirrendu l-proġett eliġibbli għal ko-finanzjament taħt l-Iskema ta' Ekoloġizzazzjoni tal-Komunità.

**5.9.1. Bini ta' ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Marfa** **(D/3/1/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jinbena ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Marfa ftit 'il fuq miċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena, bil-għan li jifred il-bankina mill-wied, filwaqt li jnaqqas il-possibiltà li l-ħaxix u l-qasab li jikber jokkupa l-istess bankina.

5.9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa, peress li l-post jissebbaħ ukoll apparti mir-raġunijiet mogħtija fil-minuta preċedenti.

**5.10.1. Attivitajiet maċ-Ċentru Anzjanità Attiva** **(A/1/2/Vol VII)**

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jingħataw taħditiet għal persuni li jattendu ċ-ċentru msemmi minn uffiċjali ta' Ambjent Malta dwar siġar indiġini, kif ukoll tiġi organizzata sessjoni ta' tħawwil ta' numru żgħir ta' siġar fil-lokalità stess.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.11.1. Jum il-Missier** **(A/5/3/Vol XIII)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2023 tqassmu *muffins* lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u oħrajn li jiffrekwentaw ċ-Ċentru Anzjanità Attiva fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier, li l-ġurnata proprja tiegħu kienet il-Ħadd 18 ta' Ġunju.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Ambjent terapewtiku għal persuni jbagħtu mid-dimensia** **(M/8/Vol VIII)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett fis-Seduta Nru. 50 tal-24 ta' April 2023. Għarrfet li fl-14 ta' Ġunju 2023, hija flimkien mas-Sindku D. Vella u s-*Supervisor* taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum C. Galea ltaqgħu mas-Sur Stefan Baldacchino mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva dwar l-introduzzjoni ta' *multi-sensory garden* għall-komunità f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija qalet li l-post indikat għal din l-inizjattiva huwa passaġġ li jeżisti bejn Triq Edward Camilleri u l-binja tad-Dar. Il-konklużjoni ta' din il-laqgħa kienet li d-Diviżjoni għandha tistabilixxi fiex ser ikun jikkonsistenti l-proġett u sussegwentement jiġi miftiehem x'jista' ikun is-sehem tal-Kunsill biex dan jitwettaq.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Ħarġa għal Għawdex** **(A/5/5/Vol VII)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-16 ta Ġunju 2023 saret il-ħarġa lejn Għawdex li għaliha attendew 23 persuna. Hija aċċennat ukoll għad-diskussjoni nformali li kien hemm dwar l-ammont ta' sussidju li kellu jagħti l-Kunsill fuq din il-ħarġa. Hija qalet li kull minn attenda ħallas €25, fejn il-Kunsill għamel tajjeb biss għall-uffiċjal tal-Kunsill u l-Pulizija li kienu qed jakkumpanjaw il-grupp

5.13.3. Irreferiet ukoll għall-minuti tas-Seduta Nru. 42 tas-27 ta' Settembru 2022, fejn hija kienet ssuġġeriet li jerġgħu jibdew jiġu organizzat l-ħarġiet u għaldaqstant kienet ipproponiet li jintalbu stimi għas-servizzi meħtieġa biex iseħħu dawn l-attivitajiet. Hija qalet li l-prezz tal-ħarġiet huwa regolat b'dawn l-istimi, li fl-aħħar mill-aħħar ġew approvati mill-Kunsill.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Aċċess f'Misraħ il-Parroċċa wara l-proġett tal-pavimentar** **(A/5/5/Vol VII)**

5.14.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għal proposti li qed isiru minn xi wħud sabiex Misraħ il-Parroċċa ssir żona pedonali. Huwa qal li kemm-il darba din il-proposta tiġi mplimentata,

għandu jkun hemm servizz ta' *minibus shuttle* li aktar 'il quddiem għandu jiġi allaċċjat mal-proġett tal-parkeġġ tal-iskola. Huwa ppropona li Triq San Luqa ssir *one-way* 'l isfel, filwaqt li Triq il-Parroċċa ssir *one-way* għat-telgħa, mill-misraħ lejn Triq Sant' Anna.

5.14.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li l-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. C. Bartolo, stqarr li l-proġett ser jiġi nawgurat sal-aħħar ta' Lulju 2023. Huwa rrimarka li l-effetti tal-għeluq tal-misraħ u l-arranġamenti li dan ikun jeħtieġ għandhom jiġu kkunsidrati b'ħollistiku.

5.14.4. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss waqt laqgħa apposta għall-membri tal-Kunsill fis-17 ta' Lulju 2023 fil-5:30pm.

**5.15.1. Tiżjin tal-faċċata ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa** **(A/1/1/Vol II)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl mibgħut mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tal-24 ta' Ġunju 2023, fejn intqal illi huwa ppjanat li l-faċċata tad-Dar il-Madonna tal-Mellieħa jiżżejjen għall-festa tal-Vitorja. Huwa mixtieq ukoll li apparti d-dwal li diġà nxtraw, jsiru wkoll sitt pavaljuni. Il-Kunsill talab jiffinanzja x-xiri tal-materjal meħtieġ.

5.15.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din l-iniżjattiva.

**5.16.1. *Cameras* f'postijiet panoramiċi** **(C/9)**

5.16.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li tiġi nstallata camera li tkun aċċessibbli mill-pubbliku permezz tal-internet sabiex ikun hemm aċċess għal dak li jkun għaddej f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa spjega li dan ikun simili għal dak offrut permezz tas-sit elettroniku http://www.skylinewebcams.com.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir talba formali lill-entità imsemmija sabiex isir magħruf jekk hemmx spejjeż marbuta mas-servizz.

**6.1. Servizz dwar tindif ta' toroq, turġien u passaġġi f'ġonna u *playgrounds* pubbliċi f'żoni urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalbet stima lid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni fejn ġew spjegati l-ħtiġijiet tal-Kunsill sakemm ikun jista' jingħata kuntratt ġdid dwar il-knis ta' toroq urbani, liema proċedura hija maħsuba li tiġi konkluża sat-30 ta' Settembru 2023. L-istima ngħatat permezz ta' imejl datat l-1 ta' Ġunju 2023 u sussegwentement saret laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni illi aċċetta minn naħa tiegħu li jirrendi s-servizz mitlub bi spiża ta' €6,667.24 fix-xahar bil-VAT inkluża. Kien hemm qbil li s-servizz jibda mill-1 ta' Lulju 2023 wara li jiġi ffirmat ftehim bil-kitba.

6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata permezz tal-ePPS u fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Ġunju 2023, kif ukoll fil-Ġurnal Ewropew. Is-sejħa tagħlaq fil-25 ta' Lulju 2023.

6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**7.1. Avviż legali dwar l-istazzjonar ta' *caravans*** **(B/5/Vol IV)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-23 ta' Ġunju 2023 ġie ppubblikat l-Avviż Legali 136 tal-2023 dwar Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet. Fil-frattemp bdew deħlin l-applikazzjonijiet u għaldaqstant huwa ġibed l-attenzjoni li hemm il-ħtieġa li titfassal *policy* dwar:

- Jekk humiex ser jiġu aċċettati applikazzjonijiet multipli, eż: talbiet għat-tliet ijiem ta' tmiem-il ġimgħa tul il-perjodu Ġunju sa Settembru;

- Għandhomx jiġu kkunsidrati postijiet oħra barra ż-żona temporanja ta' Qortin it-Twil, fejn ikun jista' jingħata permess għal jum wieħed biss; u

- Kemm għandha tkun il-kapaċità taż-żona temporanja li skont il-pjanta tal-perit inkarigat, iż-żona tal-Qortin it-Twil tista' takkomoda 40 caravan);

7.3. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jikkonsidra applikazzjonijiet għat-tqegħid ta' *caravans u campers* fiż-żona ta' Qortin it-Twil biss, sa massimu ta' 20. Kien hemm qbil ukoll li sakemm l-istess żona tiġi approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala żona temporanja għall-kampeġġ, għandhom jiġu kkunsidrati biss talbiet għall-istazzjonar ta' *caravans* u *campers* sa' massimu ta' tliet ijiem. Applikazzjonijiet multepli, li jestendu fuq perjodu twil, m'għandhomx jiġu aċċettati.

## 8.1. Ġbir tal-iskart domestiku miż-żoni tal-Għadira, fl-Aħrax, u postijiet oħra **(K/6/2/Vol V)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-kuntrattur tar-Reġjun Tramuntana sabiex jinsab rimedju dwar l-assenza ta' *bins-on-wheels* fl-imsemmi kuntratt minkejja li fiż-żoni tal-Għadira u l-Aħrax l-użu tagħhom għadu għaddej. Huwa ppropona li t-triq 'l quddiem għandha tiġi determinata fuq il-fatturi li ġejjin:

- Il-parti l-kbira tat-toroq jista' ikun li mhumiex kollha aċċessibbli bi scammel kbir; u

- Parti sostanzjali tar-residenti mhumiex permanenti, lanqas matul il-perjodu tas-sajf, u allura jiddisponu mill-iskart qabel jitilqu;

8.3. Kompla jispjega li biex tiġi osservata l-liġi, l-*bins* eżistenti jeħtieġ jiġu mmarkata b'tabelli għall-borża l-bajda u l-borża s-sewda li jkunu jistgħu jitbattlu fil-ġurnata tagħhom. Il-kuntrattur mhux qed jaċċetta però, li jpoġġi n-numru ta' bins-on-wheels meħtieġa, jekk għallinqas ma jitħallasx tal-kirja. Dan għaliex il-ħlas li jirċievi mir-Reġjun ma jkoprix l-*bins-on-wheels*. Alternattiva oħra tista' tkun li fejn huwa possibbli jsir il-ġabra bieb-bieb u fejn mhux possibbli jinġabar bl-idejn mill-kolletturi. Is-Sur C. Debono qal li fit-28 ta' Ġunju 2023 ser issir laqgħa mal-kuntrattur u l-assoċjazzjonijiet tal-kmamar.

8.4. Il-Kunsill innota s-suġġerimenti mressqa, u l-azzjoni li ser tittieħed bil-għan aħħari li l-iskart jibda jiġi separat fiż-żoni nvoluti, kif titlob il-liġi.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin **(A/5/3/5Vol XII)**

9.2. Is-Sindku D. Vella ressaq abbozz tal-*logo* tal-Iljieli Melleħin li ser jiżvolġu fit-28, 29 30 ta' Lulju 2023 f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u fil-Bitħa tas-Santwarju. Huwa spjega li dan ser ikun imqassam kif ġej:

28 ta' Lulju

- Parata mill-Mellieħa Scout Group
- Wirja ta' talent mill-Artemocion Dance and Leisure Studio
- Kunċert live mill-kantant Kevin Borg u l-band tiegħu
- Wirja min artisti u artiġjani u Projekt Lazarus
- Serata ta' għana Malti

29 ta' Lulju

- Ftuħ tax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija
- Barbecue organizzat mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina

- Wirja ta' talent mill-Artemocion Dance and Leisure Studio
- Serata mużikali minn kantanti lokali bis-sehem ta' Cassandra Scerri, Mirelle Borg, Mark Cachia, u Philip Vella, il-grupp MARA
- Kunċert vokali mill-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial
- *Re-enactment* mill-Legio X Fretensis Malta
- Wirja minn artisti u artiġjani u Projekt Lazarus
- Rokna għat-tfal

30 ta' Lulju

- Parata mill-Mellieħa Scout Group
- Ftuħ mill-kantanta Enya Mari li jsegwi bi spettaklu ta' kant ta' Elvis Presley minn Josuel
- Wirja minn artisti u artiġjani u Projekt Lazarus
- Rokna għat-tfal

9.3. Is-Sindku ppropona wkoll li t-toroq ewlenin jibqgħu miftuħin għat-traffiku.

9.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg issuġġerixxa li Triq il-Marfa tingħalaq għat-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa bl-eċċezzjoni tal-karozzi tal-linja.

9.4. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-programm, kif ukoll mal-proposti l-oħra mressqa.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 23 ta' Lulju 2023. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Mejju u it-23 ta' Ġunju 2023.

10.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku:
https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**